**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Numru 161/2018/1 NC**

**Joseph Caruana and Company Limited**

**vs.**

**Gaetano u Maria Dolores konjuġi Cutrona**
**u għal kull interess li jista' jkollha Italcris Trading Limited**

Illum 10 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors tas-soċjeta' attriċi Joseph Caruana and Company Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2018 fil-Bord Li Jirregola L-Kera li jgħid hekk:

*"(1) Illi s-soċjeta' rikorrenti u l-intimati kienu nvoluti f'diversi relazzjonijiet kummerċjali bejniethom. Fl-ewwel lok bis-saħħa ta' skrittura datata sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), is-soċjeta' rikorrenti kienet ikkonċediet b'titolu*

*ta' lokazzjoni lill-intimati konjuġi Cutrona li aċċettaw u ħadu mingħand l-istess soċjeta' rikorrenti bl-istess titolu garaxx mingħajr numru fi Triq il-Kummerċ, Qormi, Malta u dan versu l-kundizzjonijiet elenkati fl-istess skrittura ta' kera. Kopja tal-iskrittura ta' kera qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument A. Fit-tieni lok l-istess soċjeta' rikorrenti issuplixxiet mill-ħwienet tagħha stess lill-intimata s-soċjeta' Italcris Trading Limited u dan fuq talba u struzzjonijiet tal-istess intimati ammont ta' merkanzija għall-użu/bejgħ lil terzi mill-istess intimata. Fit-tielet lok huma wkoll dovuti ħlasijiet tad-dawl u l-ilma li l-istess soċjeta' rikorrenti ħallset fl-interess tal-intimati konjuġi Cutrona wkoll. Sal-lum huwa dovut mill-intimati lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' mitejn u erbgħa u għoxrin elf sitt mija u sitta u tmenin Ewro u disgħa u sebgħin Ewro ċenteżmi (€224,686.79), eskluż interessi dovuti. Kopja tal-istatements għall-merkanzija konsenjata lill-intimati, kopja tal-istatements li juru l-ammont dovut bħala ħlas ta' kera kif wkoll kopja tal-irċevuta tal-ħlas għas-servizzi ta' dawl u ilma magħmula mis-soċjeta' rikorrenti fl-interess tal-intimati huma annessi u markati bħala Dokumenti B sa D rispettivament;*

*(2) Illi huwa wkoll dovut mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimati l-ammont ta' mija u tnejn u tletin elf ħames mija u erbgħa u ħamsin Ewro u sittax-il Ewro ċenteżmu (€132,554.16) rappreżentanti merkanzija konsenjata mill-intimati lis-soċjeta' rikorrenti fuq inkarigu u struzzjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti stess. Kopja tal-istatements relattivi tal-merkanzija konsenjata qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dokument E;*

*(3) Illi bi qbil bejn il-partijiet saret tpaċija u dan fis-sens li l-ammont dovut mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimati gie paċut mal-ammont dovut mill-intimati lis-soċjeta' rikorrenti u dan sal-ammont ta' mija u tnejn u tletin elf ħames mija u erbgħa u ħamsin ewro u sittax-il ewro ċenteżmi (€132,554.16);*

*(4) Illi għalhekk ifisser li l-intimati konjuġi Cutrona għadhom debituri fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u disgħin elf, mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€92,132.63) rappreżentanti bilanċ ta' kera li għadu dovut eskluż interessi fuq din is-somma;*

*(5) Illi huma wkoll dovuti mill-intimati konjuġi Cutrona lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' tmintax-il elf, tmien mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€18,833.52) interessi bir-rata ta' tmienja (8%) mill-ewwel (1) ta' Lulju 2014 sas-sebgħa (7) ta' Settembru 2018, salv interessi wara din id-data;*

*(6) Illi għalhekk l-ammont totali dovuti mill-intimati konjuġi Cutrona lis-soċjeta' rikorrenti (salv interessi wara d-data tas-sebgħa (7) ta' Settembru 2018) jammonta għal mija u għaxart elef disa' mija u sitta u sittin Ewro u ħmistax-il Ewro ċenteżmu (€ 110,966.15);*

*(7) Illi s-soċjeta' Italcris Trading Limited qegħda tiddaħħal f'dawn il-proċeduri għal kull interess li jista' jkollha in vista tat-tpaċija maqbula bejn il-partijiet (Dokument Ġ), li għaliha l-istess soċjeta' Italcris Trading Limited kienet parti u li minnha ibbenefikat stante li l-kreditu tagħha inqatel primarjament mill-ammont li kien dovut lis-soċjeta' Italcris mis-soċjeta' rikorrenti għall-merkanzija konsenjata u fil-bqija mill-kera li kienet dovuta lis-soċjeta' rikorrenti;*

*(8) Illi minkejja li l-intimati ġew interpellati kemm-il darba sia b'mod verbali, kif wkoll bil-miktub inkluż wkoll permezz ta' ittra uffiċjali numru 1124/2018 datata tlieta (3) ta' April 2018 l-intimati baqgħu inadempjenti;*

*(9) Illi din il-kawża qegħda issir wkoll in sostenn tal-mandat ta' sekwestru numru 1510/2108 preżentat mis-soċjeta' rikorrenti kontra l-intimati;*

*Għidu għalhekk intom intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*(a) Tiddikjarakom li intom konjuġi Cutrona debituri fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u disgħin elf mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€92,132.63) rappreżentanti bilanċ ta' kera naxxenti mill-iskrittura tas-sebgħa (7) ta' Novembru 2008 li għadha dovuta wara li saret it-tpaċija imsemmija u rifużjoni ta' ħlasijiet tad-dawl u ilma magħmula*

*mis-soċjeta' rikorrenti fl-interess tagħkom b'rabta mal-fond lokat lilkom;*

*(b) Tiddikjara li intom konjuġi Cutrona debituri fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tmintax-il elf, tmien mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€18,833.52) rappreżentanti interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dovuti mid-data mill-ewwel (1) ta' Lulju 2014 sas-sebgħa (7) ta' Settembru 2018, salv interessi ulterjuri wara din id-data;*

*(ċ) Tikkundannakom sabiex intom konjuġi Cutrona tħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-ammonti elenkati fit-talbiet (a) u (b) li flimkien jammontaw għall-ammont totali ta' mija u għaxart elef disa' mija u sitta u sittin Ewro u ħmistax-il Ewro ċenteżmu (€110,966.15) kif wkoll l-interessi ulterjuri dovuti fuq is-sorte u dan mid-data tat-tmienja (8) ta' Settembru 2018 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 1124/2018 datata tlieta (3) t'April 2018, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru 1510/2018 in sostenn ta' liema qiegħed isir dan ir-rikors ġuramentat."*

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Gaetano u Maria Dolores konjuġi Cutrona (*a fol.* 35 *et seq.*) ippreżentata fil-21 ta' Diċembru 2018 fil-Bord Li Jirregola L-Kera fejn jingħad hekk:

*"1. Illi preliminarjament l-esponenti jissollevaw l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' dan l-Onorabbli Bord sabiex jisma' u jiddeċiedi l-kawża odjerna, stante li t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma bażati fost l-oħrajn fuq it-tpaċija allegatament li saret bejn il-partijiet rigward kirja u merkanzija konsenjata. Illi jiġi rilevat illi għalhekk dan l-Onorabbli Bord sabiex jiddetermina t-talbiet tal-ammont tas-soċjeta' attriċi jrid jidħol fil-kwistjoni tat-tpaċija u allegatament miftiehem bejn il-partijiet rigward il-merkanzija konsenjata liema kwistjoni ta' merkanzija żgur mhux mertu ta' dan il-Bord;*

*2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti jirrilevaw illi t-talbiet hekk kif dedotti mis-soċjeta'*

*attriċi fil-konfront tiegħu huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha u dan peress illi m'hemm l-ebda ammont dovut u dan peress illi saret it-tpaċija bejn il-partijiet liema tpaċija turi li l-ammonti hekk dovuti bejn il-partijiet ġew saldati u kien hemm kwittanza assoluta. Illi għalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-esponenti;*

*3. Illi inoltre mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti jirrilevaw illi s-soċjeta' attriċi kisret kundizzjoni fil-kuntratt tal-kirja stante illi għalkemm kienet obbligata illi ġġib meters kemm tad-dawl u kemm tal-elettriku immediatament mal-firma tal-kuntratt dawn ma nġabux immedjatament iżda nġabu snin wara u għalhekk mhemm l-ebda ammont dovut stante illi l-istess soċjeta' rikorrenti ma żammitx mad-dettami tal-kuntratt iffirmat mill-partijiet;*

*4. Illi inoltre mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi l-ammont hekk dovut huwa wieħed eċċessiv u dan tenut kont tal-kirja surreferita. Illi di piu' l-esponenti jirrileva illi l-kuntratt ma kienx jistipula illi għandu jkun hemm interessi dovuti fuq il-kirja u għalhekk anke dak l-ammont mitlub mis-soċjeta' rikorrenti fir-rigward tal-interessi għandu jiġi miċħud;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri,*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta Italcris Trading Limited ġiet notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni u, minkejja li ġiet hekk notifikata, hija naqset li tippreżenta Risposta u għalhekk is-soċjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja.

Rat l-affidavits, id-depożizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti kollha li jirriżultaw fl-atti proċesswali qabel din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 173 *et seq.*) ippreżentata mis-soċjeta' attriċi Joseph Caruana and Company Limited fid-19 ta' Frar 2021 fil-Bord Li Jirregola L-Kera.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 231 *et seq.*) ippreżentata mill-konvenuti konjuġi Crutona fl-14 ta' April 2021 (*a fol.* 231 *et seq.)* fil-Bord Li Jirregola L-Kera.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Bord Li Jirregola L-Kera fid-29 ta' April 2021 (*a fol.* 256 *et seq.*) fejn il-Bord imsemmi laqa' l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti u ordna li l-atti tal-kawża jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Rat illi l-atti proċesswali tal-kawża nġiebu a konjizzjoni ta' din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 279).

Rat illi, fis-seduti tal-4 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 289) u tas-7 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 307), il-konsulenti legali tal-partijiet qablu li l-provi kollha li nġabru quddiem il-Bord Li Jirregola L-Kera kellhom jgħoddu quddiem din il-Qorti u ddikjaraw li l-patroċinati tagħhom ma kellhomx aktar provi xi jressqu f'dan il-każ.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri (*a fol.* 309 *et seq.*) ippreżentata mis-soċjeta' attriċi Joseph Caruana and Company Limited fis-16 ta' Settembru 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri (*a fol.* 322 *et seq.*) ippreżentata mill-konvenuti konjuġi Cutrona fis-16 ta' Novembru 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2019, ġie ppreżentat affidavit ta' l-**Avukat Michael Caruana** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn jispjega li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' attriċi Joseph Caruana and

Company Limited, liema soċjeta' jgħid li timporta materjali tal-bini, ħadid, injam u *tiles*. Jgħid li s-s-soċjeta' attriċi hija proprjetarja ta' garaxx bla numru u li jinsab fi Triq il-Kummerċ, Ħal-Qormi liema garaxx kien jintuża bħala *store*. Jgħid li lill-konvenuti konjuġi Cutrona kien ilu jafhom minħabba li kienu klijenti tas-soċjeta' attriċi. Jgħid li s-soċjeta' attriċi kienet tixtri materjal minn għand is-soċjeta' konvenuta Italcris Trading Limited u Doreen Trading Limited li tagħhom kienu diretturi l-konjuġi Cutrona. Jgħid li l-konjuġi Cutrona kienu joperaw ukoll is-soċjeta' Idroplast Manufacturing Limited li kienet tipproduċi tankijiet tal-ilma. Jispjega li fis-sena 2008 il-konjuġi Cutrona kienu kellmuhom sabiex jikru l-imħażen li kien hemm fi Triq il-Kummerċ, Ħal-Qormi u fis-7 ta' Novembru 2008 ġiet iffirmata skrittura ta' kera (Dok. "A" – *a fol 9 et seq*.). Jgħid li l-kirja saret għal ħdax-il sena u kienet suġġetta għal numru ta' kondizzjonijiet fosthom li l-garaxxijiet jinkrew *tale quale* u li l-kerrejja kellhom jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni. Jgħid li bejn is-7 ta' Novembru 2008 u l-31 ta' Jannar 2009, il-kera kellha tkun mingħajr ħlas u li l-ħlas kellu jibda mill-1 ta' Frar 2009. Jispjega li:

- l-ammont ta' €20,964 kellu jkun dovut bħala kera għall-ewwel sena mill-firma tal-iskrittura;

- bejn it-tieni u l-ħames sena l-ammont ta' kera kellu jkun dak ta' €23,293;

- għal perjodu bejn is-sitt u l-għaxar sena, il-kera dovuta kellha tkun dik ta' €27,952; u

- għall-aħħar sena l-ammont ta' kera kellu jkun dak ta' €55,905.

Jgħid li minkejja li l-kera kellha titħallas kull sitt xhur b'effett mill-1 ta' Frar 2009, din qatt ma ġiet onorata minħabba li kienu jinnegozjaw bejniethom u kienet issir tpaċija bejn dak li kien jinxtara minn għand il-partijiet. Jgħid li fost il-kondizzjonijiet li hemm fl-iskrittura kien hemm waħda li kienet tgħid li s-soċjeta' attriċi kienet responsabbli sabiex tipprovdi l-arloġġi tad-dawl u l-ilma. Ikompli jgħid li l-konvenuta Cutrona kienet avviċinathom u offriet li ġġib l-

arloġġi hija basta li huma jikkontribwixxu elfejn Euro (€2,000). Jgħid li ħuh Anton kien ħallas dan l-ammont f'kontanti u kien iffirma l-applikazzjoni ħalli l-arloġġi jkunu jistgħu jiġu nstallati. Jispjega li eventwalment saru jafu li l-konjuġi Cutrona kienu krew garaxx ieħor faċċata tal-garaxx tagħhom li kienu jużaw bħala *store* u kienu jieħdu l-elettriku minnu. Jgħid li l-konjuġi Cutrona qatt ma lmentaw dwar xi pendenzi relatati ma' nuqqas tal-arloġġi tad-dawl u l-ilma jew li kienu qed jippretendu xi kumpens dwar dan. Jgħid li mhuwiex f'pożizzjoni jgħid jekk il-konjuġi Cutrona daħlux xi ġeneraturi biss lilu qatt ma talbuh flus dwar dan u lanqas qatt ma talbuh flus dwar il-kiri tal-garaxx l-ieħor. Eżebixxa kont iffirmat mill-konvenuta Cutrona liema kont ġie mmarkat bħala Dok. "MC 1" (*a fol.* 49) fuq liema kont jgħid li hemm indikat l-ammont dovut mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti iżda ma jirriżulta xejn dwar pendenzi relatati ma' xi ġeneraturi jew kiri ta' garaxx ieħor.

Jgħid li l-ewwel darba li ssemmew dawn l-ammonti mill-konvenuti kien wara li ntbagħtet ittra uffiċċjali bl-intenzjoni li jnaqqsu mill-ammont dovut minnhom lis-soċjeta' attriċi. Jispjega li madwar tliet snin wara li bdiet il-kirja kienet inġibdet l-attenzjoni tal-konvenuti Cutrona li ma kienx permess li jiġbdu *cable* tad-dawl minn garaxx għall-ieħor u għalhekk kienu marru jkellmuh. Jgħid li din kienet l-ewwel darba li saru jafu li effettivament il-*meters* ma kienux twaħħlu. Jgħid li huwa kien fakkarhom li kienet tħallset is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) sabiex jitwaħħlu l-*meters* u jżid jgħid li minħabba li kien hemm ċans li jidħlu fl-inkwiet huwa ra kif setgħu jitwaħħlu l-*meters* relattivi. Jgħid li l-kont kienet tirċievih is-soċjeta' attriċi u ħuh Anton kien jieħdu lill-konvenuta Cutrona jew lil żewġha u huma kienu jagħtuh ċekk indirizzat lis-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' attriċi kienet tħallas l-ARMS b'ċekk tagħha. Jgħid li kien imur regolari sabiex jiġbdu bilanċ ta' dak li kien dovut u beda jinsisti li jinħareġ rendikont. Jgħid li l-kont tal-kera kien jibgħatu regolarment u qatt ma nfurmawh li kien hemm xi ħaġa ħażina. Jispjega li għal ħabta tas-sena 2015/2016, il-konjuġi Cutrona ngħataw fabbrika fl-inħawi taż-żona industrijali tal-Marsa u kienu nfurmawh li kienu ser iżarmaw il-makkinarju u kienu ser jirritornaw iċ-ċwievet tal-garaxxijiet. Jgħid li f'dan l-istadju beda jirsisti sabiex jiġu rranġati l-kontijiet u għalkemm il-konvenuti dejjem qalu li ma kienx hemm problema dwar dan huma bdew

itawwlu għalxejn. Jispjega li minkejja li l-makkinarju kien inqala', il-konjuġi Cutrona xorta baqgħu jżommu l-garaxxijiet mimlija bil-merkanzija tagħhom. Jgħid li darba minnhom kien mar fil-fabbrika tal-konjuġi Cutrona bl-intenzjoni li jaslu fi ftehim u jgħid li kienu kitbu l-ammonti dovuti fuq biċċa karta li ġiet eżebita u mmarkata bħala Dok. "MC 2" (*a fol.* 50). Jgħid li darba l-konvenut Gaetano Cutrona kien talab li jiltaqgħu l-garaxxijiet li kienu krewlhom u kien offra li jieħdu l-garaxxijiet bil-merkanzija ta' ġewwa fihom. Jispjega li kien qallu li kien hemm 'il fuq minn mija u għoxrin elf Euro (€120,000) f'merkanzija u li din kellha sservi sabiex ikun hemm tpaċija ta' kollox. Jgħid li huma kienu rrifjutaw għax il-merkanzija kienet mimlija ħsara u ma kinitx tgħodd għalihom.

Jispjega kif wasal għal ammont ta' €224,686.79 imsemmi fir-Rikors promutur u ppreżenta rċevuti relattivi li ġew immarkati bħala Dok. "MC 3" (*a fol.* 51) u Dok. "MC 4" (*a fol.* 52 *et seq.*). Jispjega wkoll li l-ammont dovut lill-konvenuti mis-soċjeta' attriċi kien dak ta' €132,554.16. Jgħid li l-ammonti msemmija ġew paċuti u għalhekk kien jifdal bilanċ ta' €92,132.63 liema bilanċ jgħid li għadu dovut mill-konvenuti bħala bilanċ tal-kera eskluż l-interessi. Jgħid ir-raġuni għala qed jitolbu l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta' Lulju 2014 u li l-ammont dovut huwa dak ta' €110,966.15. Eżebixxa bħala Dok. "MC 5" (*a fol.* 54 *et seq.*) ittra uffiċjali li ntbagħtet mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti f'April 2018. Jgħid li wara li kienu bagħtu l-ittra uffiċjali, il-konvenuti bdew jitolbu kumpens għal ġeneratur fl-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) u tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) rappreżentanti l-kirja ta' nofs il-garaxx li skont huma kellhom jikru sabiex jieħdu d-dawl.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2019, ġie ppreżentat ukoll affidavit ta' **Anton Caruana** (*a fol.* 56) fejn jgħid li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' attriċi u li ilu jaf lill-konvenuti minħabba n-negozju. Jgħid li l-konjuġi Cutrona kienu klijenti tagħhom u li s-soċjeta' attriċi kienu jixtru minn għandhom ukoll. Jispjega li kienu saru negozjati sabiex jinkera maħżen li kien jikkonsisti f'żewġ garaxxijiet imnfiddin ma' xulxin u li jinsabu fi Triq il-Kummerċ, Ħal-Qormi. Jgħid li skont il-ftehim li sar huma kellhom jipprovdu d-dawl u l-ilma peress li ma kienx hemm fil-garaxx. Jgħid li ftit wara l-kirja kienet ċemplitlu l-konvenuta Cutrona u offriet li tieħu ħsieb

iddaħħal id-dawl u l-ilma hi però is-soċjeta' attriċi kellha tħallas kontribuzzjoni ta' elfejn Euro (€2,000). Jispjega li wara li tkellem ma' ħuh Michael, huma kienu ħallsu fi flus kontanti s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) u ffirmaw l-applikazzjoni tal-ARMS. Jispjega li matul id-disa' snin tal-kirja, il-konjuġi Cutrona qatt ma semmew li kien hemm bżonn li s-soċjeta' attriċi tagħtihom kumpens minħabba l-kwistjoni tad-dawl u l-ilma. Jgħid li kienu jiltaqgħu ta' spiss minħabba xogħol fejn huwa kien imur jiġbor ix-xogħol minn għand il-konvenuti. Jgħid li fil-garaxx kienu jaħdmu t-tankijiet tal-ilma u wara kienu jpoġġuhom f'garaxx faċċata li kien mikri minn għand ħaddieħor. Ikompli jgħid li f'dan il-garaxx l-ieħor huma kienu jżommu makkinarju u anke żiemel u għalhekk żgur ma kienx il-każ li dan inkera minħabba fihom. Jispiċċa billi jgħid li l-ammonti dovuti ħadimhom ħuh.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 68 *et seq.*), jikkonferma li n-negozjati tal-kirja saru minn ħuh l-Avukat Michael Caruana u li huma jħallu kollox f'idu. Jikkonferma li ħuh Michael kien spjegalhom x'hemm fl-iskrittura li ġiet iffirmata minnu għan-nom ta' tlieta. Jikkonferma li hu ma rax l-iskrittura u li jaf bil-klawsola tad-dawl u l-ilma għax kien qallu biha ħuh. Jgħid li hu kien jaf li fil-garaxx ma kienx hemm dawl u ilma minħabba li huwa kien fil-garaxx qabel daħlu fih il-konjuġi Cutrona. Jgħid li l-konjuġi Cutrona kienu jagħmlu tankijiet ta' fuq il-bjut u li l-garaxx inkera sabiex jkunu jistgħu jipproduċu dawn it-tankijiet. Jgħid li huwa kien imur għand il-konvenuti u kien jgħabbi dawn it-tankijiet. Jikkonferma li sabiex jagħmlu l-produzzjoni tat-tankijiet, il-konjuġi Cutrona kellhom bżonn id-dawl u l-ilma. Jikkonferma wkoll li l-konvenuta Cutrona kienet kellmitu ftit wara l-firma tal-iskrittura u qaltlu li kienet ser tieħu ħsieb id-dawl u l-ilma hija jekk huma jħallsu kontribuzzjoni ta' elfejn Euro (€2,000). Jgħid li ħallas l-elfejn Euro (€2,000) fi flus kontanti wara li tkellem ma' ħuh. Mistoqsi jgħid fuq min kien ser ikun reġistrat il-*meter*, jgħid li huwa kien iffirma l-karti għan-nom tal-kumpanija. Jgħid li ma ngħatax irċevuta għal elfejn Euro (€2,000) u jgħid ukoll li huwa kien jafda lill-konvenuta u li hi kienet tafda lilu. Mistoqsi dwar il-*Compliance Certificate*, jgħid li ma jafx b'dan iżda jikkonferma li l-elfejn Euro (€2,000) kien għaddihom sabiex il-konvenuti jġibu d-dawl u l-ilma. Jgħid li ma kellux għalfejn jiċċekkja ma' l-ARMS. Jikkonferma li hu

ma bediex xi proċeduri ħalli jiddaħħal l-ilma fil-post u li meta hu kien juża l-garaxx in kwistjoni kien jużah bħala *store* biex ipoġġi l-affarijiet fih. Jgħid li l-ilma ma kienx wasal fil-garaxx u dan jafu għax kien imur jgħabbi x-xogħol. Jgħid li l-garaxx ta' faċċata kien mikri sabiex il-konvenuti jpoġġu żiemel u sabiex ipoġġu magna li tkisser l-plastik. Jgħid li ma jafx bil-kwistjoni tal-ġeneratur u jgħid li hu ma kienx jidħol fil-garaxx u li kien jgħabbi t-tankijiet, jiffirma u jitlaq. Jgħid li t-tankijiet kien jixtrihom u mhux jeħodhom u li qatt ma staqsa dwar id-dawl. Jgħid li hu qatt ma ra ġeneraturi fit-triq.

In <u>ri-eżami</u> (*a fol.* 77), għad-domanda x'kien jintuża fil-garaxx ta' faċċata li kien ġie mikri mill-konvenuti, wieġeb hekk: *"Kellu żiemel, issa forsi kellu dawl jiġbed d-dawl minn dik in-naħa issa ma nafx fejn kien iġib id-dawl. Kien hemm żiemel għax darba b'kumbinazzjoni kont hemm u l-bieb kien miftuħ, żiemel, magna tkisser il-plastik biex jerġgħu jagħmlu plastik u kellu l-merkanzija tiegħu kollha hu"* (*a fol.* 77).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2019, ġie ppreżentat affidavit tal-konvenuta **Doris sive Maria Dolores Cutrona** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn tgħid li f'Novembru 2008 hi u r-raġel tagħha kellhom bżonn jikru garaxx sabiex jinstallaw makkinarju u li huma krew il-garaxx li jinsab fi Triq il-Kummerċ, Ħal-Qormi. Tgħid li meta raw li dan il-garaxx kien bla servizzi ta' dawl u ilma, huma ftehmu li s-sidien kellhom iġibu l-imsemmija servizzi. Tgħid li bdew jaħdmu billi għaddew il-*wiring* kollu u remaw il-makkinarju u li sakemm saru x-xogħlijiet kienu qed jikru ġeneraturi għax ma setgħux jibqgħu bla dawl. Tispjega li malli spiċċaw dan ix-xogħol mar l-Inġinier sabiex jiċċertifika x-xogħol u huma jkunu jistgħu japplikaw għas-servizzi tad-dawl u l-ilma u li huma nfurmaw b'dan lil Avukat Michael Caruana. Tgħid li bdew il-produzzjoni billi komplew jużaw il-ġeneratur iżda dan fisser spiża ta' tletin Euro (€30.00) kuljum għal kirja tal-ġeneratur u għoxrin Euro (€20.00) għal *fuel* biex jaħdem. Tgħid li kif raw li għaddew ix-xhur u ma semgħu xejn rigward id-dawl, marru l-ARMS sabiex jivverifikaw x'kien ġara u l-ARMS ikkonfermaw li ma kienet saret l-ebda applikazzjoni u li sabiex issir din l-applikazzjoni kellu jsir *Compliance Certificate* mill-MEPA. Tgħid li ġiet infurmata mill-MEPA li l-*Compliance Certificate* ma setax jinħareġ minħabba li l-garaxxijiet ma kienux mibnija skont il-liġi. Tgħid li nfurmat b'dan lil Michael Caruana li minn naħa tiegħu

nfurmaha li kien ser jibgħat perit ħalli jsiru l-alterazzjonijiet neċessarji ħalli jkun jista' jinħareġ il-*Compliance Certificate.* Tispjega li minħabba li kien beda għaddej iż-żmien u ma setgħux ikomplu għaddejjin jużaw il-ġeneratur, huma krew garaxx ieħor bi prezz ta' disa' mija u tletin Euro (€930.00) fix-xahar sabiex jieħdu d-dawl minnu. Tgħid li meta kienu jistaqsu lil Avukat Michael Caruana, dan kien jikkonferma li d-dawl kien ser jasal u kienu ser jingħataw kumpens. Tgħid li kieku ma krewx il-ġeneratur u eventwalment il-garaxx, in-negozju tagħhom kien ser jieqaf. Tgħid li Caruana qatt ma qalulhom li l-garaxx kien ser jibqa' bla dawl u ilma u dejjem wegħduhom li kienu ser jirranġawlhom minkejja li qatt ma rranġaw xejn. Tgħid li huma kien jissuplixxu l-prodotti tagħhom li huma tankijiet tal-ilma u li dan kien ikun paċut mal-kera. Tgħid li sadanittant għaddew seba' snin u meta applikaw mal-MIP sabiex jikru post fejn jaħdmu, huma ġew allokati post fl-ispazju industrijali tal-Marsa waqt li fl-istess żmien kien wasal id-dawl. Tgħid li bdew l-arranġamenti sabiex jitilqu mill-kirja ta' Caruana u għalhekk waqfu milli jissupplixxu aktar prodotti sabiex sakemm ikunu qed iżarmaw il-makkinarju u jġorru jkunu ta' kumpens għall-ispejjeż żejda li daħlu fihom minħabba li ma kellhomx id-dawl u l-ilma. Tgħid li meta marru sabiex jagħtu ċ-ċavetta lil Avukat Michael Caruana, Caruana ma riedx jaf b'kumpens anzi ried il-flus bl-imgħax.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 80 *et seq.*), tispjega li marret l-ARMS u li ma kellmitx direttament lil Avukat Michael Caruana minħabba li kien għadda ż-żmien. Tgħid li kienet kelmet lis-sidien biex iħaffu l-proċess imma ma kinitx taf li l-binja ma kinitx konformi. Tgħid li minkejja l-iskrittura, il-problema xorta baqgħet tagħha għax kienu bla dawl. Dwar l-elfejn Euro (€2,000), tgħid li hija qatt ma talbet dawn il-flus u li qatt ma ħadithom. Tgħid li meta rriżulta li ma kienx hemm il-*Compliance Certificate*, l-Avukat Caruana ħa azzjoni mal-ewwel u bagħat perit u għamel l-affarijiet li kien hemm bżonn sabiex jinħareg il-*Compliance Certificate*. Tispjega li wara marret ma' ċertu Laura u ħallsu għad-dawl. Tgħid li mhux minnu dak li qal Anton Caruana dwar l-elfejn Euro (€2,000). Tgħid li kienu għaddew is-snin meta marru jħallsu l-ARMS u dwar meta marret għand l-ARMS sabiex tagħmel l-ewwel verifiki kienu għaddew ix-xhur minn wara l-firma tal-iskrittura.

Tispjega li huma kienu jafu li l-garaxx kien bla dawl u għalhekk kienu krew ġeneraturi. Tgħid li hija qalet lil Avukat Caruana bil-ġeneratur pero' ma tiftakarx meta qaltlu. Tikkonferma li l-kitba fuq Dok. "MC 1" (*a fol.* 49) hija il-kitba tagħha u tgħid li ma daħlitx l-ispejjeż tal-ġeneratur peress li ħaditha *for granted* li l-ftit xhur li żammew il-garaxx wara kien ser jikkumpensaw bihom għal dawn l-ispejjeż. Dwar il-fatt li ma semmiet l-ebda spiża, tgħid li forsi ma ftehmux iżda tkompli li l-elfejn Euro (€2,000) ma ħadithomx. Tgħid li ma tiftakarx kemm ġie jiswa biex għaddew il-*cable* u tgħid ukoll li l-kirja tal-garaxx l-ieħor spiċċat meta wasal il-*meter* u li l-kirja tas-soċjeta' attriċi spiċċat meta ħadu l-fabbrika. Tikkonferma wkoll li fil-garaxx l-ieħor kienu jpoġġu l-affarijiet u li hemm kien hemm żiemel imma dan il-garaxx l-ieħor ma kienx jintuża sabiex jinżammu t-tankijiet. Tikkonferma wkoll li kien hemm xi merkanzija fil-garaxx imma l-iskop tiegħu kien minħabba d-dawl u mhux għall-merkanzija. Tgħid li meta ġie d-dawl, iż-żiemel poġġietu f'għalqa. Tikkonferma li fejn hemm il-kelma "*consegna*" fuq Dok. "MC 2" (*a fol.* 50), dik hija l-kitba tar-raġel tagħha. Dwar dan ir-rendikont tgħid li dan sar sabiex ikunu jafu fejn qegħdin u tkompli tgħid li ma kienx hemm il-kirja tal-garaxx l-ieħor. Tgħid li ma tiftakarx u li ma tafx bil-fatt li kienu offrew lil Avukat Michael Caruana l-merkanzija li kien hemm fil-garaxx l-ieħor.

Tgħid li huma kienu joħorġu *invoice* ma' kull darba li tinħareġ il-merkanzija u kienu joħorġu rendikont kull meta kienu jintalbu. Tgħid li ma tiftakarx dwar rendikonti tal-kera. Dwar il-bidliet fil-garaxx sabiex jinħareġ il-*Compliance Certificate*, tispjega li dawn ħadu ħsiebhom Caruana. Għad-domanda jekk infurmatx lil Avukat Caruana li kienu ser jikru garaxx ieħor minħabba d-dawl, wieġbet li kienet kellmet lil xi ħadd minnhom iżda ma tiftakarx lil min. Mistoqsija tikkonferma li fil-verita' ma kienet qalet xejn dwar il-garaxx lil Caruana, tgħid li ma tiftakarx. Dwar l-ilment fuq il-*meters*, tgħid li kienet qalet lil Avukat Caruana biex iħaffef imma ma kinitx tgħidlu kuljum la darba kien jaf. Tgħid li kienet aktar tkellem lil Anton għax lilu kienet tarah aktar sikwit. Tgħid li l-ARMS kienu qalulha li l-*Compliance Certificate* ma setax joħroġ. Mistoqsija dwar il-fatt li marret l-ARMS minħabba li kienet responsabilita' tagħha sabiex iġġib id-dawl u l-ilma, tgħid li ħlas lilha ma kienx sar.

Tikkonferma għal darba oħra li ma rċevietx is-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2020, sar **konfront bejn l-Avukat Michael Caruana u l-konvenuta Cutrona** (*a fol.* 99 *et seq.*), fejn Caruana jgħid li sar jaf bil-kwistjoni ta' l-elfejn Euro (€2,000) minħabba li kien ċempillu ħuh Anton u jgħid li rraġuna li jekk il-konvenuta kienet lesta li ġġib id-dawl, kien ikun aħjar milli joqgħod jidħol fiha huwa u għalhekk ta l-kunsens tiegħu. Jgħid li l-ħlas sar b'mod immedjat fl-istess ġurnata u li dan sar bi flus kontanti u ma kien hemm l-ebda rċevuta. Jgħid li skont l-iskrittura huma kellhom idaħħlu d-dawl u l-ilma u li huma ma kellhom l-ebda problema sabiex jagħmlu dan u jispjega li ma għamlux hekk għax il-konvenuta Cutrona kienet sabet lil ħuh Anton u offrietlu li tieħu ħsieb kollox hija u talbitu elfejn Euro (€2,000) bħala kumpens. Jgħid li ma ħassx il-ħtieġa li jitlob irċevuta minħabba li kellhom relazzjoni tajba mal-konvenuti u li r-relazzjoni kummerċjali ta' bejniethom kienet waħda normali u li ma kien hemm xejn li lilu ħassbitu. Da parte tagħha, il-konvenuta Cutrona tirribatti li hija qatt ma rċeviet is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) u tgħid li kieku ddeċidiet li tagħmilha l-ħaġa, ma kinitx ser titlob kumpens tal-iskariġġ.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020, sar **konfront bejn Anton Caruana u l-konvenuta Cutrona** (*a fol.* 118 *et seq.*), fejn Cutrona tiċħad li hija tħallset is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) pero' xorta tgħid li għamlet l-almu tagħha sabiex issir l-applikazzjoni għax kien fl-interess tagħha. Da parte tiegħu, Anton Caruana jikkonferma li ħallas l-elfejn Euro (€2,000) u jgħid fejn ħallashom. Jgħid li għal *meters* tad-dawl u l-ilma trid tħallas madwar elf u mitejn Euro (€1,200) u li l-bqija ħallashom għax Cutrona talbithom bħala rigal. Jgħid li ma ngħatax irċevuta għax kienu jafdaw lil xulxin. Caruana jgħid li meta ffirma l-applikazzjoni tal-ARMS, ma staqsa xejn dwar l-elfejn Euro (€2,000). Cutrona tgħid li wara ftit xhur kienet kellmet lil Avukat Caruana dwar il-*Compliance Certificate* u li l-*cable* kien diġa' ilu li għadda. Tgħid li huma għaddew il-*cable* wara li marru ta' l-ARMS u raw li ma setax joħroġ il-*Compliance Certificate*.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, xehed **Reuben Bonnici** (in rappreżentanza tal-ARMS Limited – *a fol.* 140 *et seq.*) fejn beda billi

eżebixxa bħala Dok. "RB 1" (*a fol.* 149 *et seq.*) kopja tal-kont ta' Caruana Stores, li jinsab fi Triq il-Kummerċ, Ħal-Qormi. Bħala Dok. "RB 2" (*a fol.* 151 *et seq.*) eżebixxa prospett relatat ma' l-istess fond u bħala Dok. "RB 3" (*a fol.* 153) eżebixxa estratt tal-pagamenti li saru akkont. Eżebixxa wkoll kopja tal-applikazzjoni meta nfetaħ il-kont, li jgħid kien kont ġdid, liema dokument ġie mmarkat bħala Dok. "RB 4" (*a fol.* 154 *et seq.*). Jispjega li l-applikazzjoni saret minn Anton Caruana f'isem Joseph Caruana Co Ltd u li l-*Compliance Certificate* ħareġ fit-3 ta' Diċembru 2013. Eżebixxa l-applikazzjoni għal *meter* tad-dawl li ġiet immarkata bħala Dok. "RB 5" (*a fol.* 159 *et seq.*). Jispjega li min ser japplika għas-servizz tad-dawl u l-ilma irid jmur għand perit u dan japplikalu għal xi dokument u wara jmur għand il-MEPA. Jgħid li huma ma jagħtux servizz mingħajr il-*Compliance Certificate*.

In <u>kontro-eżami</u> jispjega li l-ewwel kont inħareġ fis-17 ta' Ġunju 2014. Jikkonferma li Dok. "JPG 1" (*a fol.* 108 *et seq.*) huwa l-ewwel kont. Jikkonferma wkoll li minħabba li l-fond mhuwiex residenzjali jkun hemm ħlas ta' elf, sitt mija u sittin Euro (€1660). Jgħid li dan il-kont huwa magħluq li jfisser li nqaleb fuq xi ħadd ieħor u mhux li ġie *disconnected*. Jgħid li Dok. "RB 1" (*a fol.* 149 *et seq.*) huwa l-kont finali u li l-kont inqaleb għal fuq kumpanija oħra. Jikkonferma li mis-sena 2014 sas-sena 2018 il-kont kien baqa' f'isem is-soċjeta' attriċi. Eżebixxa kopja tal-kont li ġie mmarkat bħala Dok. "RB 6" (*a fol.* 167 *et seq.*) u jgħid li jista' ikun li f'punt minnhom kien hemm *charges* għal *disconnection* u *reconnection*.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Fis-7 ta' Novembru 2008, is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti konjuġi Cutrona iffirmaw skrittura ta' kera (Dok. "A" – *a fol.* 9 *et seq.* ) fejn is-soċjeta' attriċi kriet lill-konjuġi Cutrona maħżen mingħajr numru, fi Triq il-Kummerċ, Ħal-Qormi.

- Iż-żmien tal-kirja kien dak ta' għaxar (10) snin *di fermo* u sena *di rispetto*.

- Il-kera pagabbli kienet togħla matul is-snin b'dana illi:

  - fl-ewwel sena din kellha tkun €20,964;
  - mit-tieni sal-ħames sena kellha tiżdied għal €23,293;
  - mis-sitt sa l-għaxar sena kellha tkun €27,952;
  - għal ħdax il-sena kellha tkun €55,905.

- Filwaqt li l-konvenuti Cutrona kienu responsabbli sabiex iħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma, is-soċjeta' attriċi kellha tinstalla l-*meters* tad-dawl u l-ilma a spejjeż tagħha.

- Il-partijiet kien jixtru numru ta' affarijiet minn għand xulxin.

- Fis-sena 2018, il-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi kienu kibru għal €224,686.79 hekk kif jirriżulta mill-ittra uffiċjali tat-3 ta' April 2018 (Dok. "MC 5" – *a fol.* 54 *et seq.*). Fl-istess ittra uffiċjali jingħad li dan l-ammont kien qed jiġi parzjalment paċut kontra ammont ta' €132,554.16 liema ammont kien dovut lill-konvenuti mis-soċjeta' attriċi u li b'hekk, skont is-soċjeta' attriċi, il-konvenuti kienu għadhom debituri tagħha fl-ammont ta' €92,132.63.

- Permezz ta' ittra uffiċjali tal-20 ta' April 2018 (Dok. "Ġ" – *a fol.* 23), il-konvenuti filwaqt li għamlu riferenza għall-ittra uffiċjali tat-3 ta' April 2018 hawn fuq imsemmija, qablu li jkun hemm it-tpaċija tal-krediti rispettivi pero' ma qablux mal-figura ta' €224,686.79 hemm imsemmija minħabba li skont huma dan l-ammont ma jirriflettix l-ammont korrett.

- Is-soċjeta' attriċi tisħaq li minflok kienet adempjiet għall-obbligi tagħha li tinstalla l-arloġġ tad-dawl u l-ilma kienet, fuq offerta tal-konvenuta Cutrona, ħallset lill-istess konvenuta s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) sabiex tieħu ħsieb l-arloġġi hija.

- L-applikazzjoni tad-dawl saret fit-8 ta' Jannar 2014 (Dok. "RB 5" – *a fol.* 159 *et seq.*) u sussegwentement id-dawl ġie nstallat fil-garaxx tas-soċjeta' attriċi.

- Il-konvenuti Cutrona jgħidu li huma qatt ma offrew li jieħdu ħsieb l-installazzjoni tad-dawl u wisq inqas irċevew ħlas ta' elfejn Euro (€2,000).

- Il-konjuġu Cutrona jisħqu li kellhom jikru ġeneratur sabiex ikunu jistgħu jaħdmu u li wara kienu krew garaxx faċċata bi prezz ta' disa' mija u tletin Euro (€930.00) fix-xahar u li minnu kienu jieħdu l-elettriku. Huma jippretendu kumpens għad-danni li sofrew minħabba dan in-nuqqas, liema danni għandhom ikopru l-kirja tal-ġeneratur f'ammont ta' ħamsin Euro (€50.00) kuljum sakemm dan kien inkera u l-kiri tal-garaxx f'ammont ta' disa' mija u tletin Euro (€930.00) fix-xahar.

- Il-konvenuti konjuġi Cutrona ma ressqu l-ebda Kontro-Talba.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi u dana stante li l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari hekk kif kontenuta fir-Risposta tal-konjuġi Cutrona ġiet sorvolata b'sentenza mogħtija mill-Bord Li Jirregola L-Kera fid-29 ta' April 2021 (*a fol.* 256 *et seq.*).

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>(Tiddikjara li l-konjuġi Cutrona huma debituri fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €92,132.63 rappreżentanti bilanċ ta' kera naxxenti mill-iskrittura tas-7 ta' Novembru 2008 u rifużjoni ta' ħlasijiet tad-dawl u ilma magħmula minnha)</u>:**
Illi fit-tieni (2), fit-tielet (3) u fir-raba' (4) eċċezzjoni hekk kif kontenuti fir-Risposta tagħhom, il-konjuġi Cutrona jeċċepixxu s-segwenti:

- minħabba li saret tpaċija ma hemm l-ebda ammont li huwa dovut;

- is-soċjeta' attriċi kisret il-kondizzjoni tal-iskrittura ta' kirja; u

- l-ammont huwa wieħed eċċessiv u li l-iskrittura ma kinitx tistipula li kellu jkun hemm imgħax fuq l-ammont ta' kirja.

Illi l-Qorti ser tistħarreġ dawn l-eċċezzjonijiet waħda waħda:

- <u>It-Tieni (2) Eċċezzjoni</u>
  <u>(Minħabba li saret tpaċija ma hemm l-ebda ammont li huwa dovut)</u>:

Illi mill-atti proċesswali jirriżultaw żewġ ittri uffiċjali: waħda ppreżentata mis-soċjeta' attriċi fit-3 ta' April 2018 (Dok. "MC 5" – *a fol.* 54 *et seq.*) u t-tweġiba għaliha li ġiet ippreżentata mill-konvenuti fl-20 ta'April 2018 (Dok. "Ġ" – *a fol.* 23).

Illi dwar tpaċija l-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Mark Rota vs. Leslie Hair** (Numru 46/1992/1), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "L-Artikolu 1196(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi wkoll illi t-tpaċija "issir *ipso jure* ukoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed jinqatgħu [<u>recte</u>: jinqatlu] wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs."
>
> Dan hu hekk basta li z-żewġt idjun ikunu jirrigwardaw kontrattazzjonijiet bejn l-istess persuni, ikunu t-tnejn krediti likwidi, u li <u>jistgħu jintalbu</u>. "Iżda t-tpaċija ma sseħħx *ipso jure* jekk iż-żewġt idjun ma jkunux it-tnejn likwidi u ċerti. Lanqas isseħħ jekk wieħed mid-djun ma jkunx ammess mill-parti l-oħra" (Vol. XXXVII P. I p. 490); "**A. Buttigieg noe -vs- George Spiteri noe**", Qorti tal-Maġistrati (Malta), 5 ta' Settembru 1994; "**Cassar & Cooper Ltd -vs- A. Bezzina noe**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996);
>
> Fil-każ *de quo* għandek kontestazzjoni manifesta u għalhekk ma setax il-konvenut arbitrarjament jiddetermina hu li għandha topera l-kompensazzjoni ("**Patrick Falzon**

**Gough -vs- Albert Mizzi noe**", Appell, Sede Inferjuri, 28 ta' Jannar 1994); Dan anke kieku kellu jitqies li l-attur kien debitur tal-konvenut. Fatt dan li fil-każ in eżami lanqas biss jeżisti u in effetti lanqas hu hekk pretiż mill-istess konvenut, ġjaladarba r-reklam tiegħu dwar salarju hu fil-konfront tas-soċjeta' R.O.V.E.R. Mfg. Co. Ltd.."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u ser tapplikah għal kawża odjerna. Il-Qorti tibda billi tirreferi għall-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjeta' attriċi fit-3 ta' April 2018 (Dok. "MC 5" – *a fol.* 54 *et seq.*) fejn jidher biċ-ċar li t-tpaċija in kwistjoni kienet qed issir sal-ammont li kien dovut mis-soċjeta' attriċi u dana wkoll kif jipprovdi Artikolu 1196 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Imkien ma jirriżulta fl-atti proċesswali dak li jgħidu l-konvenuti Cutrona u ċioè li huma ngħataw kwittanza assoluta.

Illi mill-ittra uffiċjali responsiva ppreżentata mill-konvenuti fl-20 ta' April 2018 (Dok. "Ġ" – *a fol.* 23) jirriżulta li ma kienx hemm qbil fuq l-ammont dovut lis-soċjeta' attriċi tant hu hekk li l-konvenuti jgħidu li mhux qed jaqblu mal-figura ta' €224,686.79 reklamata mis-soċjeta' attriċi minkejja li jgħidu wkoll li jaqblu mat-tpaċija. Skont il-liġi u l-ġurisprudenza kkwotata aktar 'il fuq, dan kellu jfisser li t-tpaċija ma setgħetx issir.

Illi għalhekk minħabba li issa l-konvenuti Cutrona qed jeċċepixxu li saret tpaċija, din il-Qorti trid tasal għal konklużjoni li f'xi punt waqt it-traġitt li wassal għal din il-kawża kien hemm qbil fuq l-ammont in kwistjoni altrimenti ma jagħmilx sens li wieħed jeċċepixxi li saret tpaċija!

Illi l-Qorti iżda ma sabet l-ebda dokument u lanqas ma sabet l-ebda prova fejn jiġi imqar indikat li saret tpaċija hekk kif indikata mill-konvenuti Cutrona u ċioè tpaċija fejn l-ebda ammont ma huwa dovut u l-konvenuti ngħataw kwittanza assoluta. L-eqreb ħaġa li hemm fl-atti proċesswali huwa li kien hemm tpaċija sa l-ammont dovut mill-konvenuti Cutrona. Dan huwa wkoll suffragat mill-kontro-eżami tal-konvenuta Cutrona fejn meta l-konsulent legali tas-soċjeta' attriċi qal: *"Biex tkunu tafu fejn qegħdin u għaliex kien għad baqa' ammont li ried jitħallas minnkom lil Caruana għalhekk"* (*a fol.* 91),

il-konvenuta Cutrona qalet: *"Hekk hu imma ma kienx ikkunsidrat l-ispejjeż tal-kirja tal-garage l-ieħor"* (*a fol.* 91).

Illi l-Qorti diġa' nnutat aktar 'il fuq li ma tressqet l-ebda Kontro-Talba mill-konvenuti fejn il-Qorti setgħet tintalab tillikwida danni eventwali sofferti mill-konvenuti. Konsegwentement in vista ta' dan u tal-fatt li ma tressqet l-ebda prova li s-soċjeta' attriċi tat kwittanza assoluta lill-konvenuti, it-tieni (2) eċċezzjoni tal-konvenuti konjuġi Cutrona fir-Risposta tagħhom ser tiġi miċħuda.

- <u>It-Tielet (3) Eċċezzjoni</u>
  <u>(Is-soċjeta' attriċi kisret il-kondizzjoni tal-iskrittura ta' kirja)</u>:

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenuti konjuġi Cutrona jilmentaw li s-soċjeta' attriċi kisret l-iskrittura ta' kera minħabba li fl-imsemmija skrittura kienet obbligata li ddaħħal fil-fond mikri l-arloġġi tad-dawl u l-ilma mentri dan ma għamlitux.

Illi klawsola numru disgħa (9) tal-iskrittura (Dok. "A" – *a fol.* 9 *et seq.*) taqra hekk:

> *"Lessor shall procure at its expense the water and electricity meters. Consumption and rental charges shall be at the charge of the lessee."*

B'hekk is-soċjeta' attriċi obbligat ruħha li tieħu ħsieb li a spejjeż tagħha tinstalla l-*meters* tad-dawl u l-ilma fil-maħżen mikri lill-konvenuti.

Illi fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 42 *et seq.*), l-Avukat Michael Caruana jisħaq li madwar tliet xhur wara li saret il-kirja, il-konvenuta għamlet kuntatt ma' ħuh Anton u offriet li tieħu ħsieb hi li jiġu nstallati l-*meters* tad-dawl u l-ilma b'dana illi Caruana kellhom jikkontribwixxu s-somma ta' elfejn Euro (€2,000). Da parte tiegħu, fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 56), Anton Caruana jispjega li l-konvenuta Cutrona għamlet kuntatt miegħu u offriet li ddaħħal il-*meters* tad-dawl u ilma u li huma kellhom jikkontribwixxu s-somma ta' elfejn Euro (€2,000). Skont l-aħwa Caruana, l-ammont imsemmi tħallas fi flus kontanti u jaqblu li ma ngħatat l-ebda rċevuta minħabba li kienu jafdaw lill-konjuġi Cutrona.

Illi fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 42 *et seq.*), l-Avukat Michael Caruana jispjega li madwar tliet snin wara huma ġew infurmati mill-konvenuti Cutrona li kellhom bżonn jitwaħħlu l-*meters*. Jisħaq li din kienet l-ewwel darba li sar jaf li dawn il-*meters* kienu għadhom ma twaħħlux. Minn Dok. "RB 4" (*a fol.* 154 *et seq.*) u Dok. "RB 5" (*a fol.* 159 *et seq.*) jirriżulta li l-applikazzjoni għal *meters* saret fit-8 ta' Jannar 2014 u li l-*Compliance Certificate* tal-MEPA nħareġ fit-3 ta' Diċembru 2013 (*a fol.* 155). Minn dan il-*Compliance Certificate* jirriżulta wkoll li kien inħareġ xi permess fis-16 ta' Mejju 2013. Meħud dan kollu in konsiderazzjoni jirriżulta li l-ewwel ċaqliq uffiċjali fuq il-*meters* tad-dawl u ilma sar aktar minn erba' snin wara li ġiet iffirmata l-iskrittura ta' kera.

Illi minn naħa tagħha l-konvenuta Cutrona tiċħad b'ċerta saħħa li hija qatt talbet jew irċeviet l-ammont imsemmi (*a fol.* 81, 82 u 87). Hija tisħaq li sabiex jaħdmu kellhom jieħdu ġeneraturi u wara krew garaxx li kien hemm faċċata sabiex minnu jieħdu l-elettriku, liema kirja kienet dik ta' disa' mija u tletin Euro (€930.00) fix-xahar.

Illi fir-rigward ta' dawn il-verżjonijiet opposti, il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Andrew Borg Cardona vs. Juan Muscat** (Numru 1208/1997/1), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi f'dan il-każ il-versjonijiet tal-partijiet jikkontradiċu lil xulxin fuq dan l-aspett tal-kawża; u għalhekk hija ġusta u relevanti l-osservazzjoni magħmula minn din il-Qorti fil-kawża **Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**[1] fis-sens li "*il-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant.*""

[1] per Imħallef M. Caruana Curran deċiża 24 ta' Novembru 1966 – kwotata fil-kawża PA [PS] ***Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs. Francis Difesa*** deċiża 28 ta' Mejju 2003.

Illi minkejja li ma kinitx din il-Qorti li semgħet id-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Bord Li Jirregola L-Kera, minn analiżi bir-reqqa tax-xiehda mogħtija f'dawn il-proċeduri, il-Qorti ssibha diffiċli temmen il-verżjoni tal-konvenuti konjuġi Cutrona b'dana illi ma jagħmilx sens l-argument tagħhom li damu tant snin mingħajr arloġġ tad-dawl u l-ilma u dana mingħajr lanqas ma ntbagħtet xi forma ta' ittra ta' protesta!

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li għadu hemm ingħad, il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija mill-Avukat Michael Caruana u minn ħuh Anton Caruana li sar il-ħlas ta' elfejn Euro (€2,000) bħala verżjoni verosimili u kredibbli. Il-fehma tal-Qorti f'dan is-sens tkompli tkun assodata wara li jittieħed in konsiderazzjoni li l-konvenuta Cutrona qalet hekk meta rriżulta li kien hemm problemi bil-*Compliance Certificate*:

> "Għax meta għidtlu, meta sar jaf li ma kienx hemm, li ma ħariġx il-*compliance* għax ma kienx hemm il-binja konformi, mal-ewwel ħa *action* u bagħat lill-perit" (*a fol.* 96).

Fil-fehma tal-Qorti dan huwa sintomu li juri li ma kienx hemm talba qabel dan sabiex jiddaħħlu l-*meters* u li l-proċess sabiex jinkisbu l-arloġġi kien għadu ma nbediex. Mill-fatt li malli l-konvenuta Cutrona lmentat mal-Avukat Caruana huwa mal-ewwel bagħat il-perit juri li hu ma kellu l-ebda problema sabiex iwettaq il-proċess neċessarju sabiex jinġiebu l-arloġġi tad-dawl u l-ilma. Għaldaqstant bilfors li kien hemm raġuni li minħabba fiha dan il-proċess ma kienx inbeda. Il-Qorti hija tal-fehma li l-proċess ma nbediex proprju minħabba l-fatt li kien hemm il-ftehim tal-elfejn Euro (€2,000). B'hekk isegwi li l-Qorti ser temmen il-verżjoni mogħtija mill-aħwa Caruana u għaldaqstant it-tielet (3) eċċezzjoni hekk kif imressqa mill-konvenuti konjuġi Cutrona fir-Risposta tagħhom ser tiġi miċħuda.

- <u>Ir-Raba' (4) Eċċezzjoni</u><br><u>(L-ammont huwa wieħed eċċessiv u l-iskrittura ma kinitx tistipula li kellu jkun hemm imgħax fuq l-ammont ta' kirja)</u>:

Illi l-konvenuti konjuġi Cutrona jisħqu li huma krew garaxx għal disa' mija u tletin Euro (€930.00) fix-xahar u sakemm ma għaddewx

il-*cable* tal-elettriku bejn garaxx u ieħor kienu jikru ġeneraturi. Jirriżulta li ma tressqu l-ebda rendikonti, kuntratti jew irċevuti sabiex jiġi sostnut dak li saħqu fuqu l-konjuġi Cutrona jew sabiex jiġu attakkati r-rendikonti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jkun utli li jiġi mfakkar li huwa obbligu tal-partijiet illi jressqu l-aħjar prova. Dwar dan il-punt, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Myriam Fenech Adami vs. Anna Gatt et** (Numru 1103/07/1), fejn il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:

> "19. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-prinċipju ewlieni fil-qasam tal-għarbiel tal-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Huwa tabilħaqq obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti li jressaq id-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu (ara ***Middlesea Insurance plc v. Spot On Gypsum Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021). Minbarra dan, l-**Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jipprovdi li quddiem il-Qorti għandha dejjem tinġieb l-aħjar prova. F'dan is-sens mhuwiex dmir tal-Qorti li tistaqsi hija lill-parti attriċi biex tressqilha l-aħjar provi u lanqas ma huwa xogħolha li, fejn il-provi mressqa ma jkunux tajbin, tipprova tfittex hi minn rajha ħwejjeġ li l-parti nnifisha tkun naqset li tressaq quddiemha (ara ***Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2009, u ***Kristinu Grech v. Anthony Bartolo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 1998)."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak appena kkwotat u ser tapplika il-prinċipji hemm imsemmija fir-rigward tal-kawża odjerna. Il-Qorti tinnota li mhux talli ma tressqitx l-aħjar prova dwar il-kirja tal-garaxx l-ieħor, talli lanqas tressqet l-ebda prova! Kien ikun estremament faċli għal konvenuti konjuġi Cutrona li jressqu ta' l-anqas l-iskrittura ta' kera. Minbarra dan lanqas ma tressqu xi rċevuti tal-kera li allegatament tħallset. L-istess japplika dwar il-ġeneratur fejn lanqas ġew ippreżentati rċevuti f'dan ir-rigward. Huwa minnu li ma kienx hemm dawl fil-garaxx tas-soċjeta' attriċi meta nkera iżda fil-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-eċċezzjoni preċedenti l-

Qorti tagħat widen dak li qalet is-soċjeta' attriċi dwar il-kwistjoni tal-elfejn Euro (€2,000). A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet taħt l-eċċezzjoni preċedenti u tapplikah għal din l-eċċezzjoni.

Illi dwar il-parti tar-raba' (4) eċċezzjoni li tirrigwarda l-kwistjoni tal-imgħax, il-Qorti tinnota li din hija regolata mil-liġi b'mod partikolari Artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita."

Konsegwentement ma kienx hemm għalfejn li l-iskrittura ta' kera ssemmi l-imgħax minħabba li l-mod kif dawn jiddekorru huwa regolat mil-liġi. Dwar dawn, is-soċjeta' attriċi tgħid li la darba din kienet tranżazzjoni kummerċjali, l-interessi kellhom jiddekorru skont Artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-fatt li din hija tranżazzjoni kummerċjali mhjiex kontradetta mill-konvenuti konjuġi Cutrona u għalhekk il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol fuq dan il-punt bil-konsegwenza li din il-Qorti ser timxi fuq dan il-binarju.

- <u>L-Ewwel (1) Talba</u>:

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti konjuġi Cutrona, mill-atti proċesswali jirriżulta li l-kera dovuta lis-soċjeta' attriċi kellha tibda tiddekorri mill-1 ta' Frar 2009 u li sat-28 ta' Novembru 2017 l-ammont dovut kien dak ta' €221,285.33 (Dok. "Ċ" – *a fol.* 14). Fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 42 *et seq.*), l-Avukat Michael Caruana jispjega li ma' dan l-ammont għandhom jiżdiedu wkoll is-segwenti: €570.80 (bilanċ tal-kont tad-dawl u li ntuża minn Cutrona), €140 (spejjez talli nqatgħet il-provvista tad-dawl) u €2,830.66 (merkanzija). Dwar il-kontijiet tad-dawl ma hemmx kontestazzjoni li dawn l-ammonti tħallsu mis-soċjeta' attriċi.

Illi mir-rendikont immarkat bħala Dok. "MC 1" (*a fol.* 49), li l-konvenuta Cutrona tikkonferma li hija l-kitba tagħha, jirriżulta li s-soċjeta' attriċi kienet taf lill-konvenuti s-somma ta' €130,492.74. Minn rendikont l-ieħor immarkat bħala Dok. "MC 2" (*a fol.* 50) jirriżulta li kien hemm pendenza ta' €90,792.59 li l-konvenuti kellhom iħallsu lill-atturi. Mill-ittra uffiċjali (Dok. "MC 5" – *a fol.* 54 *et seq.*) jirriżulta li l-ammont dovut lill-konvenuti żdied għall-€132,554.16 u għalhekk tenut kont li fl-ittra uffiċjali msemmija jingħad li l-konvenuti kellhom iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €224,686.79, l-ammont dovut lis-soċjeta' attriċi ġie likwidat minnha fis-somma ta' €92,132.63.

Illi filwaqt li l-Qorti tinnota li l-ammonti hawn fuq imsemmija ġew ippruvati mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota wkoll li ma tressqet l-ebda prova minn naħa tal-konvenuti li tmeri l-provi mressqa mis-soċjeta' attriċi. B'hekk isegwi li l-Qorti ser tilqa' l-ewwel (1) talba tas-soċjeta' attriċi.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Tiddikjara li l-konjuġi Cutrona huma debituri fl-ammont ta' €18,833.52 rappreżentanti imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dovuti mill-1 ta' Lulju 2014 sas-7 ta' Settembru 2018)</u>:**
Illi fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 42 *et seq.*) l-Avukat Michael Caruana jispjega li dan l-ammont huwa dovut minħabba li din hija tranżazzjoni kummerċjali u li konsegwentement l-imgħax ikun dovut mid-data ta' meta tkun dovuta l-obbligazzjoni. Il-konvenuti konjuġi Cutrona b'mod ġenerali jeċċepixxu li l-ammont mitlub huwa eċċessiv u li l-iskrittura ma kinitx tinkludi l-interessi.

Illi l-Qorti tibda billi tirreferi għal dak li ġie spjegat iktar 'il fuq dwar il-kwistjoni tal-imgħax f'każ ta' obbligazzjoni kummerċjali u tapplika dak li ngħad hemm għal din it-talba in eżami. Ma' dan il-Qorti żżid ukoll li bejn s-soċjeta' attriċi u l-konvenuti konjuġi Cutrona ma kienx hemm ċertezza dwar kemm kien dovut bejniethom u dana stante li huma kienu jixtru minn għand xulxin u għalhekk l-ammont preċiż ta' kemm kien dovut ma kienx daqstant magħruf minnhom. Jidher li r-rendikonti bil-kitba (Dok. "MC 1" – *a fol.* 49 u Dok. "MC 2" – *a fol.* 50) saru lejn l-aħħar tas-sena 2017 jew fil-bidu tas-sena 2018 iżda jidher ukoll li l-ammonti reġgħu nbidlu

għal aħħar darba fl-ittra uffiċjali (Dok. "MC 5" – *a fol.* 54 *et seq.*) li ntbagħtet mis-soċjeta' attriċi. Għalhekk jista' jiġi determinat li l-ewwel darba li l-ammont finali ġie likwidat u kristallizat kien fl-ittra uffiċjali ppreżentata fit-3 ta' April 2018 li ġiet notifikata lill-konvenuti fis-7 ta' April 2018 (*a fol.* 54 *tergo*) u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti sa din id-data japplika l-prinċipju *in illiquidis not fit mora*. Dwar din it-tema, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs. Andrew Mamo noe (**Numru 247/95), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) spjegat is-segwenti:

> "Din il-Qorti allura mhix qegħda b'mod kategoriku tgħid illi ma jistgħux jeżistu ċirkostanzi fejn l-imgħax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx għadu materjalment ġie likwidat bl-applikazzjoni tal-prinċipju *in illiquidis not fit mora*, speċjalment fejn ir-responsabilita' għad-danni tkun ġiet ammessa. Il-ġurisprudenza illi l-attur "ma setgħax jitlob interessi anterjuri għall-preżentata taċ-ċitazzjoni għaliex hu ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrali li f'kawża ta' likwidazzjoni jingħataw biss interessi mid-data tas-sentenza..." hi s-suġġett ta' żvilupp ġurisprudenzjali li għad irid jiġi verifikat. Dan anke jekk sal-lum is-segwenti ġurisprudenza elenkata mill-appellat nomine hi tista' tgħid paċifika.
>
> "(1) **Salvatore Camilleri noe vs. Candida Dimech ed altri** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet illi:
>
> *"...il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione..."*.
>
> (2) **Negoziante Vincenzo Strati vs. Tito Boselli noe** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummerċjali rriteniet illi:
>
> *"<u>I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione"</u>*.

(3) **Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatgħet illi:

*"Ma non essendo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione".*

(4) **Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt noe** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell għal darb'oħra qatgħet illi:

"...meta s-somma ma tkunx likwidata l-imgħax jibda jiddekorri mill-ġurnata tal-likwidazzjoni".

(5) **Maria Ellul Bonnici et vs. Felice Mercieca et noe** (26 ta' April, 1950) fejn il-Qorti Civili Prim'Awla saħqet illi:

"L-imgħaxijiet ma humiex dovuti mill-ġurnata tat-talba meta d-debitu jkun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni tagħha".

U, kif spjegat il-Qorti stess, dan il-prinċipju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit in mora.

(6) **Anthony Mercieca vs. in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta' Diċembru, 1991) fejn il-Qorti saħqet fit-tul dwar l-espressjoni "likwidazzjoni". Il-Qorti spjegat illi:

"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti għal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli għall-pretensjonijiet avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tiegħu u huwa jagħżel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont

indeterminat li għandu jiġi determinat mill-Qorti"." [emfażi miżjuda]

Illi applikat dak li ngħad hawn fuq għal każ odjern, il-Qorti ser tilqa' limitatament it-tieni (2) talba tas-soċjeta' attriċi b'dana illi fuq l-ammont ta' €92,132.63, il-Qorti ser talloka l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mis-7 ta' April 2018 (*a fol.* 54 *tergo* – id-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali) sas-7 ta' Settembru 2018 li jissarraf fl-ammont ta' €3,089.60.

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Tikkundanna lill-konjuġi Cutrona jħallsu s-somma ta' €110,966.15 kif ukoll imgħax ulterjuri dovuti fuq is-*sorte* mit-8 ta' Settembru 2018 sad-data tal-ħlas effettiv)</u>:**
Illi l-Qorti tirreferi għal dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) talba u tapplikah għat-tielet (3) talba b'dan illi l-Qorti ser tilqa' limitatament it-tielet (3) talba tas-soċjeta'attriċi u konsegwentement ser tikkundanna lill-konjuġi Cutrona jħallsuha s-somma komplessiva ta' €95,222.23 (€92,132.63 + €3,089.60) bl-imgħax legali ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fuq is-*sorte* mit-8 ta' Settembru 2018 sad-data tal-ħlas effettiv.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tinnota li b'sentenza mogħtija fid-29 ta' April 2021 (*a fol.* 256 *et seq.*) il-Bord Li Jirregola L-Kera laqa' l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti konjuġi Cutrona,

taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mill-konvenuti konjuġi Cutrona sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

2. Tilqa' l-ewwel (1) talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara li l-konvenuti konjuġi Cutrona huma debituri fil-konfront tagħha fl-ammont ta' €92,132.63 dovuta kif hawn fuq spjegat;

3. Tilqa' limitatament it-tieni (2) talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara li l-konvenuti konjuġi Cutrona huma debituri fil-konfront tagħha fl-ammont ta' €3,089.60 dovuta kif hawn fuq spjegat;

4. Tilqa' limitatament it-tielet (3) talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lill-konvenuti konjuġi Cutrona jħallsu *in solidum* bejniethom lis-soċjeta' attriċi s-somma komplessiva ta' ħamsa u disgħin elf, mitejn u tnejn u għorin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€95,222.23) bl-imgħax legali ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fuq is-*sorte* mit-8 ta' Settembru 2018 sad-data tal-ħlas effettiv.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-proċedura (eskluż dik li diġa' kien hemm deċiżjoni dwarha mill-Bord Li Jirregola L-Kera) hekk kif mitluba fir-Rikors tas-soċjeta' attriċi għandhom jitħallsu *in solidum* bejn il-konvenuti konjuġi Cutrona.

______________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**